MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 263/1997/2

**Concrete Products Limited**

**vs**

**Jupiter Company Limited**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

**<u>IC-CITAZZJONI ATTRICI</u>**

1. Is-socjeta` attrici harrket lis-socjeta` konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm1800.50 bilanc ta' prezz ta' materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lid-ditta konvenuta.

**L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` KONVENUTA**

2. Is-socjeta` konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili u fil-mertu eccepiet illi ma ghandha taghti xejn lid-ditta attrici.

**IS-SENTENZA TA' L-EWWEL QORTI**

3.1 B'sentenza tal-Qorti tad-29 ta' Marzu 1999 l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet michuda stante li t-transazzjoni kienet wahda kummercjali u ghalhekk l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili mhux applikabbli.

3.2 B'sentenza ta' l-istess Qorti tad-29 ta' Marzu 2000 gie deciz il-mertu tal-kawza fejn giet michuda l-eccezzjoni tad-ditta konvenuta u ntlaqghet it-talba attrici ghall-hlas stante li d-ditta konvenuta ma gabet ebda prova tal-hlas.

**L-APPELL TAS-SOCJETA` KONVENUT**

4. Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza ta' l-ewwel Qorti tad-29 ta' Marzu 2000 u minnha interponiet appell fuq l-aggravju segwenti: Is-socjeta` attrici qed tibbaza t-talba taghha fuq erba' *invoices* cioe` Dokumenti CJ4, CJ5, CJ6, u CJ7. Bhala provi id-ditta attrici esibiet dawn id-dokumenti u allegat li kienu invoices ta' xoghol mibjugh u konsenjat lid-ditta attrici u li tieghu id-ditta konvenuta kienet ghadha ma hallsitx. Esibiet ukoll *statement of account* a fol. 23 tal-process (Dok. CJ3).

Is-socjeta` appellanti tissottometti illi l-oneru tal-prova tal-hlas f'dan l-istadju kien jinkombi fuq id-ditta konvenuta.

Is-socjeta` konvenuta opponiet it-talba attrici ghaliex issostni illi fil-fatt ma kien fadlilha ebda hlasijiet xi jsiru. Hu minnu, u dan hu ammess, illi f'xi zmien fl-ahhar tas-snin tmenin id-diretturi tad-ditta konvenuta cioe` Joseph u Veronica konjugi Gauci xtraw materjal tal-bini ghall-uzu personali minghand id-ditta attrici. Id-ditta konvenuta issostni wkoll illi l-ahhar pagament a saldu sar fil-1992, u d-ditta ma rceviet ebda kontijiet ohra hlief fil-1995, cioe`

tlett snin wara l-ahhar pagament. L-esponenti issostni illi dan il-fatt wahdu mhux kontradett jitfa’ dubju fuq l-allegazzjoni attrici ta’ nuqqas ta’ hlas.

Pero` l-aggravju principali tad-ditta konvenuta mhux hawn qieghed izda fil-fatt illi Veronica Gauci, direttur tad-ditta konvenuta xehdet illi hi kienet tiehu hsieb il-konsenji kollha ta’ kull xorta li jsir fl-istabbiliment tal-kumpanija u kienet tiffirma ghalihom hi. Dejjem hi iffirmat id-*delivery notes* meta xtraw materjal minghand id-ditta attrici. Murija l-*invoices* esibiti hi xehdet illi hi iffirmat biss l-*invoice* Dok. CJ6 u it-tlett *invoices* ‘l ohra ma ffirmathomx hi u ma humiex il-firma taghha jew ta’ xi impjegat tas-socjeta`. Id-dokument CJ7 igib il-firma ta’ xi hadd Camilleri li l-istess Veronica Gauci tixhed li qatt ma kellhom lil hadd impjegat b’dak l-isem. Inoltre id-Dokument CJ5 juri li x-xoghol kellu jigi konsenjat f’Main Street Mosta mentri Veronica Gauci xehdet illi x-xogholijiet li ghalih kien inxtara materjal mid-ditta attrici sar dejjem f’Civil Defence Street Mosta u mhux Main Street. Zewgha kkonferma dak li xehdet Veronica Gauci dwar l-invoices esebiti.

Is-socjeta` konvenuta tissottometti illi hi ppruvat prima facie illi tlieta mill-erba’ *invoices* esebiti ma jappartjenux lis-socjeta` konvenuta u ghalhekk l-oneru tal-prova illi fil-fatt l-materjal indikat f’dawk l-*invoices* kontestati gew konsenjati lis-socjeta` konvenuta tispetta lis-socjeta` attrici, prova li ma saritx.

L-unika *invoice* li d-ditta konvenuta ammettiet li tappartjeni lilha hi koperta bil-hlasijiet li l-istess ditta attrici tammetti li saru.

L-appellanti tissottometti illi l-ewwel Qorti bbazat l-gudizzju taghha fuq in-nuqqas tal-prova tal-hlas mentri fil-fatt l-provi hadu binarju iehor u cioe` illi tlieta mill-*invoices* mertu tal-kawza lanqas kienu jappartjenu lis-socjeta` konvenuta u ghalhekk l-oneru tal-prova irreverta ghad-ditta attrici biex tipprova li fil-fatt il-materjal fihom indikat sar lis-socjeta` konvenuta, prova li ma saritx.

Ghaldaqstant is-socjeta` appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Marzu 2000, u minflokha tichad it-talbiet tad-ditta attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra d-ditta attrici.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` appellata. Trattat l-appell.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI</u>**

5. L-appell tas-socjeta` konvenuta huwa dwar kreditu reklamat mis-socjeta` attrici appellata fl-ammont ta' Lm1,800.50c, prezz ta' materjal tal-bini. Skond l-appellanti, l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni skorretta tal-provi u waslet ghalhekk ghal decizjoni zbaljata.

6. Din il-Qorti normalment ma tiddisturba qatt leggerment l-evalwazzjoni tal-provi maghmula mill-Qorti ta' l-ewwel grad jekk mhux ghal raguni jew ragunijiet gravi. Naturalment biex din il-Qorti tasal ghall-gudizzju taghha, bhala Qorti ta' revizjoni, dejjem tiehu l-briga li tezamina mill-gdid u akkuratament il-provi prodotti.

Minn ezami tal-atti tal-kawza jirrizulta li per via ta' eccezzjonijiet in opposizzjoni ghat-talba tas-socjeta` appellata, l-appellanti kienet issollevat fl-ewwel lok il-preskrizzjoni u, fit-tieni lok, li m'hijiex debitrici tal-kontroparti. L-ewwel eccezzjoni, dik dwar il-preskrizzjoni igifieri, giet respinta b'sentenza "in parte" moghtija fid-29 ta' Marzu 1999 u, minkejja li l-appellanti qeghda titlob ir-revoka tas-sentenza finali, ma jidhirx li estendiet l-aggravju taghha biex ikopri wkoll dik l-ewwel sentenza fejn giet michuda l-eccezzjoni dwar preskrizzjoni. Ghalhekk li hu ta' interess ghall-fini ta' dana l-appell hija t-tieni eccezzjoni fil-meritu li giet ukoll respinta mill-ewwel Qorti.

7. It-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, meritu ta' dan l-appell kienet tghid hekk (ara nota ta' eccezzjonijiet a fol. 14 tal-process):
"Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju d-ditta konvenuta ma ghandha taghti xejn lid-ditta attrici".

Fil-kors tal-gbir tal-provi s-socjeta` konvenuta pproduciet xhieda biex turi zewg hwejjeg: (i) li mill-kotba u "*records*" tas-socjeta` kien jirrizulta li kull dejn li kellha mas-socjeta` attrici kien saldat u (ii) li ma hemmx il-prova tal-konsenja tal-materjal de quo in kwantu d-"*delivery notes*" li gewipprezentati fil-mori tal-kawza ma gewx iffirmati in konferma minn xi hadd li kellu s-setgha li jirrispondi ghas-socjeta`, ad eccezzjoni ta' "*invoice*" wahda.

8. Din il-Qorti tibda billi tosserva li l-mod kif il-partijiet ikkonducew il-kawza u l-atti antecedenti, partikolarment il-parti attrici, kien wiehed skarn u lakoniku ghall-ahhar. Hekk jirrizulta li fir-rigward ta' materjal ta' bini li allegatament gie fornut lis-socjeta` konvenuta fis-sena 1988 kienet saret interpellazzjoni ufficjali dwaru fl-1996, ippreceduta minn mandat kawtelatorju ta' qbid, li giet segwita bl-att ta' citazzjoni sena wara, igifieri fl-1997. Huwa minnu li x'aktarx kien ghad hemm rapport kummercjali bejn naha u ohra anke wara l-1988 imma min ihalli daqstant zmien jiddekorri jkun qed jinkorri riskju. Minbarra dan, ankorke` s-socjeta` attrici tghid li hija kienet baghtet '*statements*' lill-kontroparti dwar id-dejn reklamat minnha, l-ittra ufficjali – ara kopja Dok. CJ3, a fol. 28 tal-process – tispecifika biss l-ammont globali dovut minghajr ma ssemmi ta' x'hiex, kif u meta dan l-ammont kien dovut. L-att tac-citazzjoni imur pass wiehed 'il quddiem u jindika li si trattava "ta' prezz ta' materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut (sic)". Kien waqt is-seduta tas-7 ta' April 1998 (fol. 18) fejn gie registrat hekk:
"Dr. Farrugia (ghas-socjeta` attrici – kliem mizjud minn din il-Qorti) jiddikjara li l-ammont mitlub fic-citazzjoni huwa dak indikat fl-istatement esebit mill-konvenut"

li gie stabbilit li qeghda ssir riferenza specifika ghal "*statement*".
Fil-fatt jirrizulta – pjuttost stranament – li x-xhud tas-socjeta` konvenuta, id-direttur ewlieni taghha, igifieri Joseph Gauci, mhux biss esebixxa "*statement*" ta' dak pretiz mill-kontroparti (Dok. JC1 – a fol. 23) imma addirittura esebixxa wkoll erba' (4) "*delivery notes*" – Dok. CJ4, sa Dok. CJ7 – a fol. 29-32 sabiex b'hekk jipprova li

fejn suppost hemm "*customer's signature*", hadd min-naha tal-kumpannija tieghu ma ffirma fuq dawn id-"*delivery notes*". Normalment, f' "impasse" ta' din ix-xorta li kellu jsir kien jew li s-socjeta` attrici ggib prova tal-konsenja jew, mezz aktar diffikultuz, jigi mahtur espert kalligrafu biex jikkontrolla l-firem. Li sar f'din il-kawza hu li z-zewg xhieda ewlenin tas-socjeta` konvenuta igifieri Joseph Gauci u martu Veronica Gauci gew riprodotti ghal fini ta' aktar elucidazzjoni u mbaghad in segwitu, xi sena wara li nghatat din ix-xhieda, is-socjeta` attrici ipproduciet b'xhud lill-avukat taghha stess biex jghid hekk (ara fol. 92):
"Jiena nista' nikkonferma illi minn dak li rajt mill-figuri tal-kumpannija u mill-file tal-kumpanija l-ammont indikat fic-citazzjoni ghadu dovut minn Jupiter Company Limited u ma sar l-ebda pagament fil-provi tal-kawza".

Dan wara li aktar qabel Veronica Gauci, li tghid li kienet izzomm l-"accounts" tas-socjeta` konvenuta, xehdet li mill-kotba tal-kumpanija kien jirrizultalha li kull dejn dovut lis-socjeta` attrici kien gie saldat u pprezentat numru ta' dokumenti (fol. 40 – 80) in sostenn.

9. Din il-Qorti, wara li kkunsidrat fit-tul il-provi prodotti, hija tal-fehma li kwantu ghat-tezi tas-socjeta` konvenuta li din hallset dak kollu dovut minnha, riferibbilment ghall-"*invoices*" jew "*delivery notes*" li hija stess pproduciet (permezz tax-xhud Joseph Gauci) fir-rigward taghhom l-ebda ricevuta ma jirrizulta li giet prodotta u tonqos ghalhekk il-prova tal-hlas. U fil-fatt din il-prova qatt ma setghet tingieb billi s-socjeta` konvenuta – u dan igibna ghat-tieni linja difensorjali taghha – allegat ukoll li hadd mis-socjeta` konvenuta ma kien accetta jew ffirma dawn id-"*delivery notes*" hlief ghal wahda minnhom – Dok. CJ6, a fol. 31 – li effettivament fuqha ggib il-firma ta' Veronica Gauci. Din Veronica Gauci tikkonferma li l-firma kienet taghha izda tghid li dina l-konsenja kienet giet imhallsa minghajr pero`, kif gia` intqal, ma giet prodotta prova adegwata tal-hlas. Jifdal skoperti ghalhekk tlett "*delivery notes*" ohra – Dok. CJ4, CJ5 u CJ7, li dwarhom is-socjeta` appellanti ssostni li ma tirrikonoxxihomx.

10. Issa li kieku riferibbilment ghall-prova dwar il-konsenja irrizulta li hawn si trattava ta' rapport dirett u bilaterali bejn zewg socjetajiet kontendenti, allura din il-Qorti, u x'aktarx dik ukoll ta' qabilha, kienet ittendi biex taghzel it-tezi tas-socjeta` appellanti bhala l-aktar wahda attendibbli; imma mill-provi tirrizulta cirkostanza ohra u addizzjonali li taghti sfond iehor lill din il-vertenza. Mix-xhieda moghtija minn Joseph Gauci, li hu direttur u azzjonista kwazi ewlieni tas-socjeta` konvenuta, jirrizulta li l-materjal li tieghu qieghed jintalab hlas ma kienx qed jigi ordnat u ma kienx iddestinat ghas-socjeta` konvenuta imma kien invece qed jigi ordnat u mibghut taht struzzjonijiet moghtija minn Joseph Gauci proprio, b'dana pero`, li l-pagamenti dovuti gew assunti, u bdew isiru akkont, mis-socjeta` konvenuta. Fil-fatt jirrizulta li apparentement dan Joseph Gauci kien silef kapital lis-socjeta` konvenuta u sar <u>ftehim intern bejniethom</u> li materjal bhax-xorta li jissemma' fil-kawza kellha thallsu s-socjeta` konvenuta. B'dan l-arrangament intern is-socjeta` attrici la kienet giet infurmata u lanqas kienet kompartecipi fih. Ghas-socjeta` attrici, Joseph Gauci kien qed jidher f'isem u in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta. Minbarra dan, jekk wiehed jezamina sew id-deposizzjonijiet moghtijin minn Joseph Gauci u martu Veronica Gauci, dawn ikomplu jikkonfermaw kemm il-<u>modus operandi</u> ta' Joseph Gauci proprio u tas-socjeta` konvenuta kien inaffidabbli u jaghti lok ghal dubbji.

Il-brani segwenti mid-deposizzjoni ta' Joseph Gauci jikkonfermaw kemm dan hu tassew hekk:
(fol. 19/20) "L-ahhar pagament li ghamilt kien fin-1996, hallast b'cekkijiet. Skond id-dokument li qed jigi muri lili, li hija fax tal-kumpanija attrici, jidher li l-ahhar pagament sar fin-1992, pero` jiddependi mill-atturi jghiduli meta saru l-pagamenti.

"Il-Kumpannija Jupiter ssellfet xi flus minghand Joseph Gauci, cioe` din il-kumpanija kienet qeghda thallas minn floki. Jiena ghandi l-accounts li jaghmluhom il-kumpanija Falzon and Falzon.

"Kont ircevejt imbaghad fin-1996. Skond l-informazzjoni li ghandi mill-ufficju tieghi, ahna m'ghandna naghtu xejn ghax konna hallasna kollox".

Imbaghad dan ix-xhud wara li jixhet dubbju fuq il-firem li jinsabu fuq il-"delivery notes" jaghlaq il-kontro-ezami hekk (fol. 21):
"Qed nigi muri d-dokument CJ3, ittra ufficjali, nghid li ma niftakarx li qatt rajt dan id-dokument. Ix-xoghol ma kienx ta' darba, kien ta' diversi snin".

Joseph Gauci gie riprodott jixhed f'seduta sussegwenti u "*inter alia*" zied jghid hekk (fol. 34):
"Dwar dan ix-xoghol, il-hlasijiet kienu jsiru mill-*accountants*, wahda minnhom kienet Veronica Gauci, li hija l-mara tieghi. Fil-
fatt hi tiehu hsieb il-kontijiet ..."

Issa ghalkemm Veronica Gauci tikkonferma li kienet tiehu hsieb il-kotba u l-hlasijiet tal-kontijiet dovuti, fl-istess waqt tistqarr li kontroll fuq l-ordnijiet tax-xoghol hija ma kellhiex. Difatti xehdet hekk f'dan ir-rigward (fol. 36).
"Dan ix-xoghol ma nistax nghid min kien ordnah, jiena ma nordnahx. <u>Probabilment ordnah ir-ragel tieghi</u>" (Sottolinear tal-Qorti).

Dwar l-istatements xehdet hekk (fol. 38):

"Qed nigi murija d-dokument a fol. 23, dan id-dokument ircevejnieh fin-1995. Sa fejn naf jiena, dan kien l-uniku *statement* li konna rcevejna, imbaghad wara rcevejna ittra ufficjali. Meta rcevejna dan l-i*statement* ahna ma tajniex kazu, ghax ahna konna hallasna.

"Meta rcevejna l-ittra ufficjali, Joseph Gauci kien cempel lil min kien inkarigat li jibghat l-ittra ufficjali, minn ghalija Guillaimier *Industries*".

Jigi nnutat hawn li filwaqt li Joseph Gauci lanqas biss jiftakar li kienu rcevew ittra ufficjali, martu tiftakar li hu tkellem ma' xi hadd dwarha. L-impressjoni li ffurmat din il-

Qorti, kif temergi mill-provi prodotti, hija li fir-rapport ta' bejn Joseph Gauci u s-socjeta` konvenuta nholqot sitwazzjoni anomala fejn Joseph Gauci kien jaghmel ordnijiet ta' xoghol bla ma kien hemm kontroll minn naha tas-socjeta` konvenuta u li din is-socjeta` kienet thallas hi taghhom minghajr pero` ma' l-istess Joseph Gauci jkun jaf ezattament x'gie mhallas billi kien ihalli l-hlasijiet f'idejn haddiehor. F'cirkostanzi bhal dawn ikun facli ghal xi parti tghid li ma tafx li l-materjal kien gie tassew kkonsenjat kif riportat fuq id-"delivery notes". Imma meta hemm prezunzjoni u prova kuntrarja, l-ghaqal kien jissugerilek li meta tircievi kont (*statement*) biex thallas Lm1,800 inti ghandek taghti kazu u mhux tinjorah bhallikieku xejn.

Mill-kumpless tal-provi, din il-Qorti jidhrilha li fuq bazi ta' probabilita` dak li gie kkostatat u finalment deciz mill-Qorti ta' l-ewwel grad kien sostanzjalment korrett u ghalhekk l-aggravju tas-socjeta` konvenuta qieghed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontriha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------